Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 64/2013

**Joseph u Joyce konjugi Genovese**

**Vs**

**Mario u Gwendolen konjugi Debattista u Mark Vella, Raymond Casha u l-perit Anton Zammit li ssejhu fil-kawza b'digriet tal-1 ta' Awissu, 2014**.

1 ta' Dicembru, 2017.

1. Permezz ta' avviz prezentat fl-1 ta' Lulju 2015, l-atturi talbu lit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar sabiex jikkundanna lill-intimati jhallsu s-somma ta' tlett elef u mitejn euro (€3,200), rapprezentanti danni kkawzati fil-fond Joseville, 18, Triq it-Tjieba, Zurrieq, liema danni fix-xorok komplew jizviluppaw matul is-sena elfejn u tnax (2012) u dan peress illi x-xogholijiet li saru fil-fond ta' l-intimati bl-indirizz 57, Carmel Street, Zurrieq, ma sarux skond is-sengha u l-arti;

   Permezz ta' risposta, l-intimati wiegbu:

   *"1) Illi, preliminarjament, dan it-Tribunal mhux kompetenti ratione materiae illi jiddeciedi din il-kawza u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

   *2) Illi, bla pregudizzju ghas-sueccepit l-esponenti ma kkagunaw l-ebda hsara fil-fond ta' l-atturi, kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza;*

   *3) Illi, l-esponenti ma humiex responsabbli ghall-ebda hsara kagunata fuq il-fond ta' l-atturi u dan stante illi x-xogholijiet ma sarux minnhom izda mill-bennejja mqabbad minnhom, Mark Vella u Raymond Casha, u dan fuq struzzjonijiet u taht supervizjoni tal-Perit Anton Zammit;*

   *4) Illi ghaliex, sabiex il-gudizzju odjern ikun integru, ikun jehtieg illi jigu kjamati f'din il-kawza l-imsemmija Mark Vella, Raymond Casha u l-Perit Anton Zammit;*

   *5) Illi ghalhekk il-kawza odjerna hija nfondata kemm fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi jew il-kjamati fil-kawza, inkluzi l-ispejjez tal-protest gudizzjarju datat 5 ta' Mejju, 2011;*

   *6) Salv risposti ulterjuri."*

   Permezz ta' risposta, il-kjamat in kawza Perit Anton Zammit, wiegeb:

   *"1) Illi t-talbiet u l-pretensjonijiet maghmula fil-konfront tal-esponenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, u di fatti kienet inutili l-kjamat in kawza tal-istess esponent illi min-naha tieghu qieghed jipprotesta ruhu ghall-ispejjez kollha mal-partijiet l-ohra;*

*2) Illi l-esponenti kien mill-bidu sal-ahhar wettaq l-inkarigu tieghu in konnessjoni mal-fond numru 57, Carmel Street, Zurrieq, skond is-sengha u l-arti u bil-prudenza u l-attenzjoni illi titlob il-professjoni tieghu u dan kif ser jigi ampjament ippruvat tul it-trattazzjoni tal-kawza;*

*3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi dannu illi allegatament irrizulta skont kif indikat fl-avviz tat-talba, irid jigi ppruvat sodisfacentement mill-atturi;*

*4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Permezz ta' risposta, il-kjamat in kawza Mark Vella, wiegeb:

*"1) Illi l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt tant li preliminarjament hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2) Illi bla pregudizzju fuq il-lant hadem persuna ohra wara l-esponenti u ghalhekk il-gudizzju mhux integru;*

*3) Illi bla pregudizzju l-esponenti hadem skont l-istruzzjonijiet tal-Perit Zammit;*

*4) Illi l-esponenti bla pregudizzju qed jikkontesta l-quantum tal-hsarat u l-hsarat ghandhom jigu ppruvati;*

*5) Salv eccezzjonijiet ohra."*

Permezz ta' risposta, il-kjamat in kawza Raymond Casha, wiegeb:

*"1) Illi preliminarjament it-talbiet attrici jezorbitaw mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal ratione materiae, liema Tribunal huwa kompetenti li jiddeciedi biss talbiet ta' money claims mentri fil-kawza odjerna la gie ndikat ammont u wisq anqas li l-ammont pretiz ma jeccedix dak indikat f'Artikolu 3(2) ta' Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2) Illi l-esponenti ma jistax jifhem kif dan it-Tribunal ser jasal biex jiddeciedi huwa stess li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti;*

*3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-esponenti hija se mai preskritta ai termini ta' Artikolu 2153 ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*4) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi ghandhom jippruvaw li huma s-sidien veri tal-fond li allegatament sofra d-danni;*

*5) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti kien biss kuntrattur li hadem fuq l-iskavar fil-fond in kwistjoni u bl-ebda mod ma kien involut fil-bini tal-istess, ghajr li kien jigbor il-materjal ordnat mill-bennej, Mark Vella, u fil-kumplament ma kellu l-ebda involviment fil-kostruzzjoni tal-fond in kwistjoni u ghalhekk ma jahtix ghal ebda danni;*

*6) Illi fi kwalsiasi kaz l-esponenti segwa struzzjonijiet professjonisti tal-Perit Anton Zammit;*

*7) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti m'huwiex responsabbli lejn l-atturi stante li jekk jirrizulta li huwa minnu li l-fond in kwistjoni giet ikkawzata danni fuqu, dan sehh konsegwenza ta' forza magguri (irresistible force ossija fortuitous event) u/jew fatti ohra li l-esponenti ma kellux kontroll fuqhom u wisq anqas setghet tigi evitata;*

*8) Illi fil-kumplament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt."*

Illi fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), il-kjamat in kawza Raymond Casha rtira l-ewwel eccezzjoni tieghu dwar in-nuqqas ta' kompetenza ratione materiae ta' dan it-Tribunal u l-kjamat in kawza Perit Anton Zammit ressaq eccezzjoni ulterjuri dwar il-preskrizzjoni u dan *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. B'sentenza tal-4 ta' Lulju, 2014 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar cahad l-eccezzjoni tal-kompetenza *ratione materiae*.

3. B'sentenza tat-12 ta' Gunju, 2015 it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar laqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u cahad it-talba tal-atturi.

4. L-atturi appellaw mis-sentenza u lmentaw li l-konvenuti qatt ma taw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u madankollu t-Tribunal xorta laqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront taghhom.

5. Il-konvenuti u l-imsejhin fil-kawza wiegbu fejn taw ir-raguni ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

6. Il-pretensjoni tal-atturi tikkoncerna hsara f'numru ta' xorok wara li tpogga konkos fuq is-saqaf. Mill-provi rrizulta li:

   i. Ix-xoghol sar f'Awissu 2008.
   ii. **Fis-6 ta' Ottubru, 2010** il-perit Anton Zammit (imsejjah fil-kawza) ghamel rapport fejn ikkonferma li kien hemm xi xorok li nqasmu, **cirka xahar qabel**.
   iii. **Fl-20 ta' Dicembru, 2010** il-perit Ludovico Micallef, fuq inkarigu tal-attur, iccertifika li hemm hsara fix-xorok fis-salott u li minn taghtif li tah il-klijent, *"the cracks in the roofing slabs (xorok) appeared some months ago"*. Il-perit iddikjara li, *"it is quite obvious that these cracks were caused by movement of deflection in the concrete slab, since even if this is minimal it will obviously effect the stone slabs (xorok)"*.
   iv. Fl-4 ta' April, 2011 il-perit A.C. Bezzina iccertifika li fil-fond tal-attur kien hemm erba' xorok maqsumin. Kompla, *"... the damage caused to Mr Genovese franka stone slabs is due to the omission of a layer of polystyrene between the roof of Mr Genovese and the floor slab of Mr Debattista"*. Fir-rapport jinghad ukoll li l-attur kien gharraf lill-perit Bezzina li l-bini kien sar xi sentejn qabel.
   v. L-atturi pprezentaw il-kawza fid-19 ta' Frar, 2013.
   vi. Mark Vella, Raymond Casha u l-perit Casha kienu msejhin fil-kawza b'digriet tal-1 ta' Awissu, 2014, fuq talba tal-konvenuti Debattista. Vella u Casha taw l-eccezzjoni li l-azzjoni hi preskritta *ai termini* tal-artikolu

2153 tal-Kodici Civili. Fis-seduta tal-10 ta' Novembru, 2014 il-perit Zammit talab li jaghti eccezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, u t-Tribunal laqa' t-talba.

vii. Mill-atti jirrizulta li t-Tribunal ordna li kellhom jitressqu l-provi li jitrattaw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni (ara verbali tas-seduti tal-20 ta' Ottubru, 2014, 10 ta' Novembru, 2014, 10 ta' Dicembru, 2014, 24 ta' Marzu, 2015 u 20 ta' April, 2015).

viii. B'sentenza tat-12 ta' Gunju, 2015 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar iddecieda:

> *"Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-kjamati in kawza, qed jirrespingi t-talba tal-atturi".*

7. L-aggravju tal-atturi hu li gialdarba l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni nghatat biss mill-imsejhin fil-kawza, is-sentenza kellha titratta biss dik l-eccezzjoni fil-konfront ta min ta u mhux ukoll tal-konvenuti. L-atturi argumentaw:

> *".... it-Tribunal qatt ma seta' jaghti decizjoni rigward preskrizzjoni u/jew mertu fil-konfront tal-konvenuti stante illi s-sentenza preliminari kellha titratta biss l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni vis-a-vis il-kjamati in kawza....*
>
> *.... meta t-Tribunal iddecieda illi l-azzjoni tal-appellanti kienet preskritta anke fil-konfront tal-konvenuti meta tali eccezzjoni ma kinitx tqajjment minnhom, huwa mar kontra d-dettami espressi kemm fil-ligi kif ukoll fil-gurisprudenza u ghalhekk fl-umli fehma tal-appellant l-istess Tribunal ghalkemm seta' jiddeciedi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront tal-kjamati in kawza, ma setax jaghmel l-istess fil-konfront tal-konvenuti stante illi dawn fl-ebda mument ma eccepew il-preskrizzjoni".*

8. Ghaldaqstant, hu evidenti li l-ilment tal-atturi hu **limitat** ghal dik il-parti tas-sentenza li tikkoncerna lill-konvenuti Mario u Gwendolen Debattista. L-imsejhin fil-kawza Mark Vella u Raymond Casha jaqbel mat-tezi tal-appellanti, b'dan li jsostnu li fil-konfront taghhom is-sentenza hi korretta.

9. Hu fatt li ghalkemm l-azzjoni tkun preskritta fil-konfront ta' parti, ma jfissirx li hi preskritta fil-konfront tal-partijiet ohra fil-kawza. Jista' jkun hemm per ezempju ragunijiet ta' interruzzjoni, rinunzja jew sospensjoni ghal preskrizzjoni, li ma jkunx hemm fil-konfront ta' partijiet ohra fil-kawza. Il-konvenuti ma tawx l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Madankollu, t-Tribunal ikkunsidra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni daqslikieku nghatat mill-konvenuti wkoll.

10. Fir-rikors tal-appell, l-atturi talbu:

*"Ghaldqstant l-appellanti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza fl-ismijiet premessi, moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar,*

*fit-12 ta' Gunju 2015, u konsegwentement tirrimetti l-atti lura lit-Tribunal tat-Talbiet Zghar sabiex ikompli bil-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu".*

Fis-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2017 id-difensur tal-appellanti ddikjara:

*"L-Av Cachia fit-trattazzjoni tieghu jispjega li l-interess tal-atturi hu fil-konfront tal-konvenuti Debattista u mhux tal-kjamati in kawza. L-appell tal-atturi qieghed jindirizza l-fatt li anke l-konvenuti hadu beneficcju mill-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li nghatat biss lill-imsejhin fil-kawza".*

Ovvjament gialadarba l-ilment tal-atturi hu biss fil-konfront tal-konvenuti Debattista, ma kienx hemm bazi legali sabiex jintalab li tithassar is-sentenza kollha. Dan hu kaz fejn hemm bzonn li tinbidel is-sentenza.

11. B'rikors prezentat fil-21 ta' Lulju, 2015, il-konvenuti Debattista talbu lil din il-qorti sabiex tawtorizzahom iressqu eccezzjoni li l-azzjoni hi preskritta skont l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. B'digriet moghti fid-29 ta' Lulju, 2015, din il-qorti qalet:

*"Peress li l-ligi stess tikkontempla li eccezzjoni ta' preskrizzjoni tista' tinghata wkoll fi stadju ta' appell (art. 2112 tal-Kodici Civili), mhemmx htiega li jintalab il-permess tal-qorti biex tinghata tali eccezzjoni (ara wkoll l-artikolu 728(2) tal-Kap. 12).*

*Ghalhekk mhemmx htiega li jinghata provvediment dwar it-talba".*

Il-qorti tqies li b'dak l-att gudizzjarju, cjoe' r-rikors tal-21 ta' Lulju, 2015 u t-twegiba ulterjuri mehmuza, il-konvenuti Debattista nvokaw il-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Provi dwar din l-eccezzjoni ghadhom ma tressqux u ghalhekk ser taghti l-opportunita lil dawk il-partijiet li baqghu fil-kawza, li jressqu l-provi dwarha.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li nghad hawn fuq u:**

1. **Tvarja s-sentenza tat-12 ta' Gunju, 2015 u minflok tiddikjara li d-decizjoni tat-Tribunal li l-azzjoni hi preskritta ma tapplikax ghall-konvenuti Debattista, gialadarba quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma tawx l-eccezzjoni.**
2. **Spejjez tal-appell jibqghu bla taxxa bejn l-atturi u l-konvenuti, filwaqt li spejjez tal-imsejhin fil-kawza huma a karigu tal-atturi gialdarba talbu ghar-revoka tas-sentenza tat-Tribunal meta ma pproponew l-ebda aggravju fir-rigward tas-sentenza in kwantu tirreferi ghall-imsejhin fil-kawza.**
3. **Tordna li fis-seduta li jmiss jinstemghu provi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li nghatat mill-konvenuti Debattista.**

Anthony Ellul.